CCT/98/15/S

Rita Troisi de Menville
Vs
Michael Debono Limited

Illum 6 t'Ottubru,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Rita Troisi de Menville pprezentata fil-11 ta'Mejju,2015 u r-risposta tas-socjeta Michael Debono Limited ipprezentata fil-11 ta'Gunju,2015;

Ra d-dokumenti varji pprezentati inkluz ir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit u sema' lill-partijiet rispettivi;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda sadid li hareg fuq saqaf ta'vettura mixtrija minn agent tas-socjeta intimata. Min-naha taghha s-socjeta intimata kkontendiet li s-sadid ma kienx kopert mill-garanzija ghax ma kienx difett tal-manifattura;

Illi fil-mertu jinghad mal-ewwel li jekk din il-vettura hix difettuza jew le, hi materja teknika u kien ghalhekk li tqabbad l-espert Joseph Zammit ghal dan il-ghan;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

"...*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova...*";

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert;

Illi ghalkemm ir-rapport tal-espert tekniku mhuwiex car f'dak li jirrigwarda r-responsabilita, dan johrog mix-xhieda mressqa quddiem dan it-Tribunal;

Illi l-espert tekniku nominat minn dan it-Tribunal kien car fil-konstatazzjonijiet tieghu u cioe li "...*is-sadid ma kellux bidu minn gewwa taht it-tapizzerija...*"[1]

[1] Pagna vii tar-rapport tal-perit tekniku Joseph Zammit

Illi l-espert kompla fir-rapport tieghu li *"…ma sarux alterazzjonijiet biex jevitaw li tikber il-problema…"*;[2]

Illi r-rikorrenti naqset milli tipprova li kien hemm xi difett fil-manifattura tal-vettura li wassal biex johrog is-sadid fis-saqaf;

Illi konsegwentement, dan it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda fic-cirkostanzi tal-kaz u partikolarment li l-ewwel ilment sar 9 snin wara x-xiri tal-vettura in kwistjoni;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Rita Troisi de Menville filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Michael Debono Limited, b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri filwaqt li l-ispejjez tal-espert ghandhom jinqasmu fi kwoti indaqs bejn iz-zewg partijiet fil-kawza.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[2] Pagni viii u ix tar-rapport imhejji mill-espert tekniku Joseph Zammit